# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 75/2015 ISB**

**Galleria Properties Limited (C-38989)**

**Vs**

**Cassar & Schembri Marketing Ltd (C-33174) u**

**More Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496)**

**u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2015 A.A.S.K. Enterprises Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis;**

**u b'digriet 10 ta' Marzu 2015 Galleria Trading Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2015 Agdel Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment tagħha tat-3 ta' Novembru 2015, li permezz tiegħu l-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C-33174)** kienet dikjarata xjolta b'effett mit-28 ta' Jannar 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta' stralċ, inklużi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mill-istralċjarju oriġinarjament maħtur u sussegwentement mir-riċevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari u n-noti mħejjija u ppreżentati.

Rat l-aħħar rapport mħejji minn fejn jirriżulta illi l-kumpanija m'għandhiex attiv biżżejjed biex tagħmel tajjeb għal passiv tagħha, u ġew hemmhekk elenkati l-kredituri riżultanti illi jibqgħu mhux sodisfatti.

Rat illi l-istess riċevitur uffiċjali talbet illi r-rapport minnha mħejji u kif dikjarat fin-nota tagħha ppreżentat seduta stante waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru 2023 (a fol 116) ikun approvat minn din il-Qorti.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li r-riċevitur uffiċjali osservat l-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex taqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tagħha skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali, kif anke mitluba tagħmel il-Qorti fl-aħħar seduta.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtiġijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi sabiex:

1. **Tapprova** r-rapport finali tar-riċevitur uffiċjali tas-soċjetà **Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C-33174)** kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Ufficjali tal-4 ta' Dicembru 2023, inkluż mill-ħlas tar-

remunerazzjoni lilha dovuta kif deċiż aktar kmieni llum stess f'dawn l-istess proċeduri.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpaniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tagħha.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C-33174)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C-33174)**.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrenti u mill-kumpanija intimata fi flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**